



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2021
SWD(2021) 711 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt
Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja**

Li jakkumpanja l-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt
Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea**

{COM(2021) 700 final} - {SWD(2021) 701 final} - {SWD(2021) 702 final} -
{SWD(2021) 703 final} - {SWD(2021) 704 final} - {SWD(2021) 705 final} -
{SWD(2021) 706 final} - {SWD(2021) 707 final} - {SWD(2021) 708 final} -
{SWD(2021) 709 final} - {SWD(2021) 710 final} - {SWD(2021) 712 final} -
{SWD(2021) 713 final} - {SWD(2021) 714 final} - {SWD(2021) 715 final} -
{SWD(2021) 716 final} - {SWD(2021) 717 final} - {SWD(2021) 718 final} -
{SWD(2021) 719 final} - {SWD(2021) 720 final} - {SWD(2021) 721 final} -
{SWD(2021) 722 final} - {SWD(2021) 723 final} - {SWD(2021) 724 final} -
{SWD(2021) 725 final} - {SWD(2021) 726 final} - {SWD(2021) 727 final}

ASTRATT

Is-sistema ġudizzjarja Finlandiża qed tkompli tgawdi minn livell għoli ħafna ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita. L-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali stabbilita reċentement saret kompletament operazzjonali u, minbarra li wettqet il-kompiti regolari tagħha, għenet lill-qrati fir-rispons tagħhom għall-pandemija tal-COVID-19. Ir-riforma tas-Servizz Nazzjonali tal-Prosekuzzjoni għenet biex tiżdied l-effiċjenza tiegħu billi ppermettiet iċ-ċentralizzazzjoni, l-iżvilupp ta' prattiki uniformi, kooperazzjoni aħjar u distribuzzjoni aktar uniformi tar-riżorsi. L-awtoritajiet qed iwettqu diversi proġetti biex itejbu d-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja u biex jagħmlu s-sistema tal-ġajnuna legali aktar aċċessibbli.

Il-Finlandja tkompli titqies bħala wieħed mill-pajjiżi l-anqas korrotti fl-UE u fid-dinja. Fis-27 ta' Mejju 2021 ġiet adottata strateġija komprensiva ddedikata tal-Gvern għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-istrateġija għandha l-għan li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluż permezz tal-kjarifika tar-responsabbiltajiet, is-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni, it-titjib tat-trasparenza u tal-effettività tal-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni, kif ukoll ir-riċerka rilevanti. Filwaqt li l-awtoritajiet jagħmlu enfasi qawwija fuq il-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja u ħadu passi biex jindirizzaw it-tixħim barrani, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dan tal-aħħar jibqgħu ta' sfida. Il-lobbying bħalissa għadu mhux regolat, madankollu, il-Gvern qed jabbozza leġiżlazzjoni li tipprevedi reġistru ta' trasparenza. Qed jiġu diskussi wkoll inizjattivi leġiżlattivi biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar ir-revolving doors bejn l-amministrazzjoni pubblika u l-interessi privati. Qed tiġi diskussa sistema riveduta għad-dikjarazzjoni tal-assi għall-uffiċjali pubbliċi u l-proposta biex tiġi rregolata l-protezzjoni tal-informaturi f'liġi komprensiva ġdida mistennija tidħol fis-seħħ sa tmiem l-2021.

B'mod ġenerali, il-Finlandja tgawdi minn ambjent ħieles u protett għall-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media. L-awtorità regolatorja ewlenija tal-media, l-Aġenzija Finlandiża għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, titqies bħala ġusta u trasparenti iżda s-sitwazzjoni ekonomika tagħha għadha ta' sfida. Ġiet adottata leġiżlazzjoni speċifika ġdida li tobligha lill-provdituri tas-servizzi tal-media biex jagħmlu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom aċċessibbli pubblikament. Inħatar grupp ta' ħidma preparatorju bil-ħsieb li jiġi estiż aktar l-aċċess garantit kostituzzjonalment għad-dokumenti billi tiġi infurzata l-konformità u tiġi koperta aktar informazzjoni. Il-Gvern qed jippjana wkoll bidliet fil-Kodiċi Kriminali biex jiffaċilita l-prosekuzzjoni ta' theddid illegali u l-immirar ta' vittmi vulnerabbli, bħal ġurnalisti freelance. Biex jindirizza d-diskors ta' mibegħda fil-konfront ta' ġurnalisti nisa, il-Gvern qed jħejji bidla oħra fil-Kodiċi Kriminali biex il-ġeneru jiżdied mal-motivi li jikkostitwixxu raġunijiet għaż-żieda fil-kastig għal (kwalunkwe) reat. Barra minn hekk, il-Gvern qed jirrifletti fuq mekkaniżmu ta' ġajnuna permanenti biex jappoġġa l-ġurnaliżmu fil-Finlandja minbarra skema temporanja ta' appoġġ li kienet speċifikament marbuta mal-pandemija tal-COVID-19.

Il-Gvern adotta Pjan ta' Azzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar, li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità, l-ippjanar u t-trasparenza tal-leġiżlazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri meħuda fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 ġew adottati fuq il-bażi ta' leġiżlazzjoni ordinarja. Fejn intużaw setgħat ta' emerġenza, kienu meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament u r-rieżami *ex ante* tal-kostituzzjonalità. Il-proċess tar-riforma biex jiġu ċċarati l-kompiti tal-Kanċillier tal-Ġustizzja u tal-Ombudsman, żewġ awtoritajiet indipendenti ewlenin involuti fis-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali, huwa appoġġat miż-żewġ awtoritajiet u huwa ppjanat li jiġi ppreżentat lill-Parlament fil-ħarifa 2021. Fil-ħarifa 2021 se jiġi elett Bord Konsultattiv ġdid

għall-Politika tas-Soċjeta' Ċivili, pjattaforma li tiffaċilita l-interazzjoni produttiva bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjeta' ċivili.

I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

Is-sistema ġudizzjarja Finlandiża hija komposta mill-ġudikatura ordinarja, b'20 qorti distrettwali, ħames qradi tal-appell u l-Qorti Suprema, u l-ġudikatura amministrattiva b'sitt qradi amministrattivi reġjonali u l-Qorti Amministrattiva Suprema. Hemm tliet qradi speċjalizzati¹. L-Amministrazzjoni tal-Qradi Nazzjonali indipendenti hija inkarigata bl-amministrazzjoni tal-qradi, inkluż il-ġestjoni tal-baġits, il-binjiet u s-sistemi tal-ICT². Il-Bord tal-Ħatriet Ġudizzjarji indipendenti³ jħejji proposti għall-ħatriet tal-imħallfin lill-Gvern, filwaqt li l-proposti għal imħallfin tal-Qorti Suprema u tal-Qorti Amministrattiva Suprema jsiru minn dawn il-qradi stess⁴. L-imħallfin jinħatru formalment mill-President tar-Repubblika⁵. L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali hija awtorità statali indipendenti⁶, immexxija minn Prosekutur Ġenerali li jinħatar mill-President wara proposta mill-Ministeru għall-Ġustizzja u jista' jitkeċċa jew jiġi sospiż mill-Gvern⁷. Il-Kamra tal-Avukati Finlandiża⁸ hija korp indipendenti inkarigat bis-superviżjoni tal-attivitajiet professjonali tal-avukati⁹. Il-proċedimenti dixxiplinari kontra l-avukati¹⁰ jitmexxew mill-Bord Dixxiplinari, korp superviżorju indipendenti li jaħdem flimkien mal-Kamra tal-Avukati Finlandiża¹¹. Il-Finlandja tipparteċipa fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew¹².

Indipendenza

Is-sistema ġudizzjarja Finlandiża hija kkaratterizzata minn livell għoli ħafna ta' indipendenza perċepita. L-indipendenza perċepita tal-qradi u tal-imħallfin hija għolja ħafna, bi 83 % tal-pubbliku ġenerali u 86 % tal-kumpaniji jqisuha bħala "pjuttost jew tajba ħafna"¹³. Il-livell jibqa' konsistentement għoli ħafna kemm għall-pubbliku ġenerali kif ukoll għall-

¹ Il-Qorti tas-Suq, il-Qorti tax-Xogħol u l-Qorti tal-Assigurazzjoni. Is-CEPEJ (2020), Study on the functioning of judicial systems in the EU Member States.

² L-Att dwar il-Qradi, il-Kapitolu 19a, l-Amministrazzjoni tal-Qradi Nazzjonali.

³ Għandu 12-il membru – disa' mħallfin minn livelli differenti ta' qradi, proposti mill-ġudikatura, u tliet membri mhux imħallfin (avukat, prosekutur u membru li jirrappreżenta r-riċerka u l-edukazzjoni legali). Il-membri kollha jinħatru mill-Gvern għal mandat ta' ħames snin.

⁴ L-imħallfin kollha tal-Qorti Suprema u l-Qorti Amministrattiva Suprema jipparteċipaw fl-għażla. L-Att dwar il-Qradi, il-Kapitolu 11, it-Taqsima 7.

⁵ Jiġi propost kandidat wieħed biss għal kull post vakanti. Filwaqt li l-proposta mhijiex vinkolanti, fil-prattika kważi dejjem tiġi segwita, b'eċċezzjoni waħda biss għall-imħallfin tal-qorti ordinarja (fis-sena 2000, is-sena li fiha ġie stabbilit il-Bord tal-Ħatriet Ġudizzjarji) u għall-imħallfin tal-Qorti Suprema (fis-snin 70).

⁶ L-Att dwar l-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali (32/2019), il-Kapitolu 1, it-Taqsima 2.

⁷ Id-deċiżjoni ta' tkeċċija tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema.

⁸ L-Att dwar l-Avukati (496/1958).

⁹ Hemm tliet tipi ta' professjonisti legali li għandhom il-kompitu li jipprovdu tipi differenti ta' servizzi legali: avukati, avukati pubbliċi fil-qasam tal-ġajjnuna legali u konsulenti legali liċenzjati.

¹⁰ Il-Bord Dixxiplinari jmessi wkoll proċedimenti dixxiplinari kontra żewġ tipi oħra ta' professjonisti legali, avukati pubbliċi fil-qasam tal-ġajjnuna legali u konsulenti legali liċenzjati.

¹¹ Il-Bord Dixxiplinari huwa magħmul minn President u 11-il membru, li sitta minnhom, flimkien mal-President, huma avukati eletti mill-korp suprem tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kamra tal-Avukati. Il-kumplement tal-membri, li tnejn minnhom huma konsulenti legali liċenzjati u tlieta minnhom huma avukati, jinħatru mill-Gvern fuq proposta tal-Ministeru għall-Ġustizzja wara li l-Ministeru jkun talab opinjoni tal-Kamra tal-Avukati dwar l-eliġibbiltà tal-kandidati; It-Taqsima 7a tal-Att dwar l-Avukati.

¹² Il-Prosekuturi Delegati Ewropej għall-Finlandja għadhom ma nħatrux. Fl-4 ta' Ġunju 2021, l-awtoritajiet Finlandiżi u l-UPPE laħqu ftehim u qed jaħdmu fuq l-arranġamenti prattiċi għall-ħatra tagħhom.

¹³ Il-Figuri 48 u 50, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2021. Il-livell tal-indipendenza ġudizzjarja perċepita huwa kategorizzat kif ġej: baxx ħafna (anqas minn 30 % tar-rispondenti jqisu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba jew tajba ħafna); baxx (bejn 30 % u 39 %), medju (bejn 40 % u 59 %), għoli (bejn 60 % u 75 %), għoli ħafna ('il fuq minn 75 %).

kumpaniji sa mill-2016. Fir-rigward tal-pubbliku ġenerali, dan żdied b'mod stabbli sal-2019¹⁴ u fir-rigward tal-kumpaniji, dan żdied f'dawn l-aħħar sentejn¹⁵.

L-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali saret operazzjonali f'Jannar 2020 u stabbiliet lilha nnifisha bħala istituzzjoni importanti li tiffaċilita l-ħidma tal-qrati. Wara l-ħolqien tagħha f'Jannar 2020, innotat fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt¹⁶, l-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali (NCA), aġenzija indipendenti ġdida responsabbli għall-amministrazzjoni tal-qrati¹⁷, fl-ewwel sena tagħha fil-kariga stabbiliet lilha nnifisha billi bniet l-istrutturi tagħha stess u kkonsolidat il-proċeduri tagħha¹⁸. Fl-istess ħin, kienet qed twettaq il-kompiti regolari tagħha relatati mal-forniment tal-funzjoni amministrattiva ċentrali tal-qrati kollha u l-organizzazzjoni tat-taħriġ għall-imħallfin f'kooperazzjoni mal-Bord tat-Taħriġ Ġudizzjarju¹⁹. Ikkomunikat b'mod attiv mal-qrati, u ffaċilitat laqgħa regolari mat-tmexxija tal-qrati kollha sabiex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tagħhom. Il-partijiet ikkonċernati jirrapportaw li l-NCA kellha rwol attiv fl-appoġġ tal-qrati²⁰. L-istabbiliment tagħha ppermetta lill-qrati jiffokaw ir-riżorsi tagħhom fuq il-kompiti ewlenin u kompla jsaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura²¹.

Kwalità

Ir-riforma tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni bdiet tipproduċi riżultati f'termini ta' żieda fl-effiċjenza u l-ispeċjalizzazzjoni²². F'Settembru 2019, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali u 11-il uffiċċju tal-prosekuzzjoni lokali nġaqdu f'Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali waħda²³. Ir-riorganizzazzjoni ppermettiet iċ-ċentralizzazzjoni u l-iżvilupp ta' prattiki uniformi ta' prosekuzzjoni nazzjonali, kooperazzjoni aħjar fis-Servizz tal-Prosekuzzjoni u distribuzzjoni aktar uniformi tar-riżorsi²⁴. Ippermettiet ukoll speċjalizzazzjoni akbar għall-prosekuturi²⁵. Dan wassal għal titjib fl-effiċjenza kif evidenzjat minn, fost oħrajn, żieda fl-

¹⁴ Il-Figura 45, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020; Il-Figura 48, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2021.

¹⁵ Il-Figuri 47-50, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

¹⁶ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p.2.

¹⁷ Il-maġġoranza tal-membri tal-korp għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-NCA huma mħallfin magħżula mill-pari tagħhom mil-livelli kollha tal-ġudikatura, li huwa konsistenti mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa.

¹⁸ Il-Kontribut tan-Network Ewropew tal-Kunsill tal-Ġudikatura għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10.

¹⁹ Il-Bord tat-Taħriġ Ġudizzjarju huwa korp indipendenti magħmul prinċipalment minn imħallfin u rappreżentanti ta' professjonijiet legali oħra bil-kompitu li jippjana u jikkoordina taħriġ tal-persunal involut fl-applikazzjoni tad-dritt fil-qrati. Jimplimenta wkoll il-proċedura ta' applikazzjoni għall-karigi ta' kandidati ta' mħallfin subalterni; Il-Bord tat-Taħriġ Ġudizzjarju, <https://oikeus.fi/tuomioistuimet/en/index/tuomioistuinelaitos/lautakunnat/tuomarinkoulutuslautakunta.html>.

²⁰ Il-Kontribut tan-Network Ewropew tal-Kunsill tal-Ġudikatura għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10; l-informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Qorti Suprema u l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Finlandja.

²¹ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

²² Għad-dettalji tar-riforma, ara r-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p.3.

²³ L-Att dwar l-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali (32/2019).

²⁴ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali.

²⁵ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali.

għadd ta' każijiet solvuti għal kull prosekutur²⁶. Ir-riforma għandha wkoll sinifikat għall-
għlieda kontra l-korruzzjoni (ara t-Taqsima II). Is-Servizz tal-Prosekuzzjoni rrapporta
akkumulazzjoni ta' każijiet parzjalment ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19²⁷ u rċieva
finanzjament addizzjonali maħsub biex jgħin sabiex tissolva din l-akkumulazzjoni²⁸.

**L-awtoritajiet qed iwettqu diversi proġetti biex itejbu d-diġitalizzazzjoni tas-sistema
għudizzjarja.** Sistema ġdida ta' ġestjoni tal-kawżi għall-qrati amministrattivi u speċjali,
imħejjija f'kooperazzjoni mal-imħallfin, ġiet iffinalizzata f'Diċembru 2020 u introdotta fil-
qrati rispettivi kollha, għalkemm tfaċċaw xi kwistjonijiet tekniċi²⁹. Fost l-oħrajn, is-sistema
tippermetti lill-utenti jippreżentaw ilmenti, jiġu nnotifikati b'dokumenti, u jivverifikaw l-istat
tal-proċedimenti online³⁰. Tippermetti wkoll il-produzzjoni ta' sentenzi f'format li jinqara
mill-magna³¹. Qed tiġi żviluppata sistema ta' ġestjoni tal-kawżi simili għall-qrati ordinarji u
hija mistennija li titlesta sa tmiem l-2022³². Barra minn hekk, fi tmiem l-2020 il-Ministeru
għall-Ġustizzja lesta sistema li tippermetti l-anonimizzazzjoni u l-annotazzjoni awtomatiċi ta'
deċiżjonijiet tal-qrati u ta' awtoritajiet oħra, u li mistennija li żżid id-disponibbiltà elettronika
tad-dokumenti³³. Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Ġustizzja qed jiżviluppa għodda ta'
rappurtar ġdida li għandha tintuża mill-qrati u minn xi awtoritajiet oħra³⁴, li għandha żżid l-
użu tal-informazzjoni miġbura³⁵.

**L-awtoritajiet ikkummissjonaw proġetti biex is-sistema tal-għajnuna legali ssir aktar
aċċessibbli.** L-ispejjeż tal-proċedimenti għudizzjarji jitqiesu, bħal medja, għoljin u dan jxekkel
l-aċċess għall-ġustizzja, speċjalment fil-każ ta' persuni bi dħul medju³⁶. Wara l-Programm
tal-Gvern biex jeżamina l-possibbiltà li jogħlew il-limiti tad-dħul għall-għajnuna legali sabiex
titjieb l-aċċessibbiltà tal-għajnuna legali għal persuni bi dħul medju³⁷, f'Ġunju 2020 inbeda
proġett ta' riċerka mill-Ministeru għall-Ġustizzja biex jeżamina l-aċċess għall-għajnuna
legali³⁸. Il-Ministeru għall-Ġustizzja nieda wkoll proġett biex jeżamina l-possibbiltajiet li
tinħoloq Awtorità Nazzjonali ċentrali għall-Għajnuna Legali u t-Tutela. L-awtorità l-ġdida
tiċċentralizza l-amministrazzjoni tal-għajnuna legali³⁹ sabiex tiżgura li tiġi pprovduta b'mod

²⁶ Ir-Rapporti Finanzjarji tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali għall-2020, it-Taqsima 1.4.1; informazzjoni
rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali.

²⁷ Ir-Rapporti Finanzjarji tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali għall-2020, it-Taqsima 1.4.1.

²⁸ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Awtorità tal-Prosekuzzjoni
Nazzjonali.

²⁹ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

³⁰ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12.

³¹ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12.

³² Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 13.

³³ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 12; informazzjoni rċevuta fil-
kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

³⁴ L-għodda għandha tiġbor informazzjoni bħall-għadd ta' kawżi u t-tul tal-proċedimenti, u tgħaqqadhom ma'
informazzjoni dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani.

³⁵ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 14; informazzjoni rċevuta fil-
kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

³⁶ Kontribut mill-Kanċillier tal-Ġustizzja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt; informazzjoni rċevuta
fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja; il-Gvern Finlandiż, Study on the impact of public legal aid
revenue ceilings.

³⁷ Il-Programm tal-Gvern tal-Prim Ministru Sanna Marin tal-10 ta' Diċembru 2019. Inclusive and competent
Finland – a socially, economically and ecologically sustainable society, p.93.

³⁸ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10; informazzjoni rċevuta fil-
kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

³⁹ L-għajnuna legali tingħata minn uffiċċji pubbliċi tal-għajnuna legali, li huma indipendenti fit-twettiq tal-
kompitu ewlieni tagħhom. Għall-fini tal-għoti ta' appoġġ amministrattiv, l-uffiċċji bħaliha huma maqsuma
f'sitt distretti.

suffiċjenti u ugwali fil-pajjiż kollu⁴⁰. It-tnejn għal servizz ta' għajnuna legali on-call, imniedi fl-2019⁴¹, għet sospiża waqt li l-awtoritajiet jinvestigaw l-għażliet ta' finanzjament⁴².

L-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali kompliet tappoġġa b'mod attiv lill-qrati matul il-pandemija tal-COVID-19⁴³. Mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, l-NCA għamlet sforzi partikolari biex tassisti lill-qrati fir-rispons tagħhom għall-pandemija⁴⁴. Fost l-oħrajn, l-aġenzija pprovdiet assistenza fil-komunikazzjoni tal-kriżijiet, ippubblikat gwida dwar l-użu ta' konnessjonijiet remoti waqt il-proċessi u organizzat l-għoti ta' tagħmir tal-IT⁴⁵. Il-laqgħat regolari mal-maniġment tal-qrati (ara hawn fuq) ippermettew lhom jiddiskutu metodi biex jindirizzaw kwistjonijiet konkreti u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom mal-kollegi.

Effiċjenza

Is-sistema ġudizzjarja qed tkompli bi prestazzjoni effiċjenti⁴⁶. Is-sistema ġudizzjarja għandha prestazzjoni medja f'dak li jikkonċerna l-ħin stmat biex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u kawżi amministrattivi. Ir-rata tal-għeluq tal-kawżi għall-kategorija tal-ewwel naqset xi ftit mill-2016, imma xorta għadha 100 %⁴⁷, filwaqt li r-rata tal-għeluq tal-kawżi għal kawżi amministrattivi naqset minn 112 % fl-2018 għal 100 % fl-2019⁴⁸. L-għadd ta' kawżi pendenti huwa partikolarment baxx għal kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi u huwa medju għal kawżi amministrattivi, li juri li s-sistema ġudizzjarja tlaħħaq sew bil-volum ta' kawżi⁴⁹. Għalkemm il-qrati b'mod ġenerali rnexxielhom ikomplu bl-attivitajiet tagħhom matul il-pandemija tal-COVID-19, il-partijiet ikkonċernati rrapportaw dewmien fil-proċedimenti u wħud mill-qrati issa qed jitrattaw l-akkumulazzjoni ta' kawżi⁵⁰.

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Il-Finlandja ma għandha l-ebda aġenzija ddedikata kontra l-korruzzjoni u r-responsabbiltà għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija kondiviża bejn awtoritajiet u korpi differenti. Dawn jinkludu l-Ministeru għall-Ġustizzja, il-Ministeru għall-Finanzi, il-Pulizija, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, l-Awtorità tal-Kompetizzjoni u tal-Konsumatur, l-Ombudsman Parlamentari u l-Kanċillier tal-Ġustizzja, fost l-oħrajn⁵¹. Id-Dipartiment tal-Politika Kriminali u tal-Liġi Kriminali tal-Ministeru għall-Ġustizzja jkompli jissorvelja l-isforzi tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jikkoordina n-network kontra l-korruzzjoni li jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Ministeri rilevanti, il-Pulizija, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni, in-negozju u l-industrija u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi.

⁴⁰ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 10.

⁴¹ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 4.

⁴² Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

⁴³ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p.4.

⁴⁴ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-NCA, il-Qorti Suprema u l-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Finlandja.

⁴⁵ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 30; informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

⁴⁶ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 4-5.

⁴⁷ Il-Figura 12, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2021.

⁴⁸ Il-Figura 13, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2021.

⁴⁹ Il-Figuri 6-16, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2021.

⁵⁰ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

⁵¹ Il-Ministeru għall-Ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-Finlandja.

Il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju hija li l-Finlandja hija wieħed mill-pajjiżi l-anqas korrotti fid-dinja. Fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2020 ta' Transparency International, il-Finlandja għabet 85/100, u tinsab fit-tieni post fl-Unjoni Ewropea u fit-tielet post globalment⁵². Madankollu, din il-perċezzjoni ddeterjorat⁵³ matul l-aħħar ħames snin⁵⁴.

L-ewwel strateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni ġiet adottata fis-27 ta' Mejju 2021⁵⁵. F'Novembru 2019, il-Grupp ta' Ħidma Ministerjali dwar is-Sigurtà Interna u t-Tisħiħ tal-Istat tad-Dritt iddeċieda li jniedi thejġija ulterjuri għal strateġija kontra l-korruzzjoni. Fit-23 ta' April 2020, il-Ministeru għall-Ġustizzja ħatar grupp ta' thejġija u tmexxija biex jabbozza strateġija u pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni għall-Finlandja biex itejjeb l-effettività tal-miżuri kontra l-korruzzjoni u ta' prevenzjoni⁵⁶. L-Istrateġija hija komprensiva, tkopri kemm l-aspetti preventivi kif ukoll dawk reattivi, u għandha l-għan li ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni tagħha, li tiċċara aktar ir-responsabbiltajiet u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet, u li ttejjeb l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni kif ukoll ir-riċerka rilevanti⁵⁷. L-Istrateġija hija akkumpanjata minn Pjan ta' Azzjoni dettaljat għall-perjodu 2021-2023, li jkopri l-oqsma kollha tal-Istrateġija u jstabilixxi azzjonijiet preċiżi u jassenja awtoritajiet responsabbli. Il-proċess preparatorju nnifsu kkontribwixxa biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u jitwessa' l-kunsens dwar il-ħtieġa għal titjib fid-disponibbiltà tal-informazzjoni dwar is-suġġett⁵⁸.

Filwaqt li ma hemm l-ebda unità speċjalizzata għall-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni⁵⁹, ir-riforma tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni ppermettiet speċjalizzazzjoni akbar għall-prosekuturi individwali. Ir-ristrutturar tas-Servizz tal-Prosekuzzjoni fl-2019 saħħaħ il-konsistenza tal-prattiki ta' prosekuzzjoni u ppermetta speċjalizzazzjoni akbar għall-prosekuturi (ara t-Taqsimi I)⁶⁰. Bħalissa, hemm sitt prosekuturi speċjalizzati fil-qasam tal-korruzzjoni. Barra minn hekk, hemm 19-il prosekutur speċjalizzat fil-prosekuzzjoni ta' reati mwettqa fil-kariga. Il-prosekuturi lokali kollha huma kompetenti għall-prosekuzzjoni ta' każijiet minuri ta' korruzzjoni⁶¹. Huwa rrapportat li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet

⁵² Transparency International, l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni tal-2020 (2021), p. 2-3. Il-livell tal-korruzzjoni perċepita huwa kkategorizzat kif ġej: baxx (il-perċezzjoni fost l-esperti u l-eżekuttivi tan-negozju tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku hija ogħla minn 80); relattivament baxx (punteġġi bejn 79 u 69), relattivament għoli (punteġġi bejn 68 u 55), għoli (punteġġi taħt l-54).

⁵³ Fl-2015, il-punteġġ kien 90, filwaqt li fl-2020, il-punteġġ kien 85. Il-punteġġ jiżdied/jonqos b'mod sinifikanti meta jinbidel b'aktar minn ħames punti; jitjeb/jiddeterjora (bidliet bejn 4 u 5 punti); huwa relattivament stabbli (bidliet minn 1 sa 3 punti) fl-aħħar ħames snin.

⁵⁴ Id-data tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjoni tal-korruzzjoni u l-esperjenza taċ-ċittadini u n-negozji, kif irrappurtati s-sena l-oħra, tiġi aġġornata kull sentejn. L-aħħar sett ta' data huwa l-Ewrobarometru Speċjali 502 (2020) u l-Ewrobarometru Flash 482 (2019).

⁵⁵ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 6; Il-Ministeru għall-Ġustizzja (is-27 ta' Mejju 2021), Stqarrija għall-istampa, Corruption must be fought in a comprehensive and long-term manner.

⁵⁶ Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2020), Stqarrija għall-istampa, Working group to prepare an anti-corruption strategy (Työryhmä valmistelemään korruptionvastaista strategiaa) (l-24 ta' April 2020 fil-Finlandiż u fl-Iżvediż).

⁵⁷ Ibid.

⁵⁸ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

⁵⁹ Ħlief għal unità waħda fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali speċjalizzata f'reati mwettqa minn uffiċjali tal-pulizija, li jistgħu jinvolvu wkoll il-korruzzjoni; informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

⁶⁰ L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali (it-30 ta' Settembru 2019), Stqarrija għall-istampa, The National Prosecution Authority will start to operate as a single bureau on 1 October.

⁶¹ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 16.

responsabbli għall-għieda kontra l-korruzzjoni hija effettiva fl-oqsma kollha u li l-kooperazzjoni testendi għal-livell reġjonali⁶². L-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU) hija involuta mill-qrib fl-investigazzjoni ta' każijiet issuspettati ta' korruzzjoni.

L-għadd medju annwali ta' każijiet ta' korruzzjoni u reati kriminali ekonomiċi pproċessati baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu ta' rappurtar ta' għaxar snin b'medja ta' għaxar każijiet fis-sena⁶³. Fis-snin reċenti, perċentwali għoli ħafna ta' każijiet ta' korruzzjoni ġew fl-aħħar mill-aħħar miċħuda mill-qrati⁶⁴. Il-maġġoranza tar-reati ta' korruzzjoni pproċessati mill-awtoritajiet iseħħu fil-qasam tar-reati ekonomiċi.

Ittieħdu passi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tixħim barrani. L-OECD tirrapporta li mill-2017 ma ġie identifikat, investigat jew ipproċessat l-ebda każ ta' tixħim barrani⁶⁵. Il-Gvern indika li qed iwettaq valutazzjoni komprensiva tal-kwistjoni u nieda attivitajiet preventivi. Bħalissa għaddejjin programmi ta' taħriġ għall-imħallfin, għall-prosekuturi u għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi⁶⁶. Il-Finlandja żviluppat ukoll dokument ta' gwida ddettaljat għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jkopri r-riskji ta' korruzzjoni, inkluż it-tixħim barrani⁶⁷. Il-gwida għandha l-għan li tissensibilizza r-riskji ta' korruzzjoni u l-konsegwenzi fis-settur privat meta joperaw fi swieq domestiċi jew internazzjonali, u tipprovdi lill-kumpaniji b'għodod prattiċi biex jitrattaw il-korruzzjoni.

Tqajjem tħassib fir-rigward tal-qafas għall-investigazzjoni tal-membri tal-Gvern. Il-Ministri jistgħu jinżammu responsabbli biss għal imġiba uffiċjali ħażina⁶⁸ permezz ta' proċess kostituzzjonali speċjali fejn id-deċiżjonijiet biex jitressqu akkużi jittieħdu mill-Parlament wara li jkun sema' l-opinjoni tal-Kumitat tad-Dritt Kostituzzjonali⁶⁹. Il-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa (GRECO) qajjem tħassib dwar is-setgħat limitati ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' dan il-proċess⁷⁰, li jista' jiġġeneraw diffikultajiet fil-kuntest ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għall-impjegati taċ-ċivil u l-ogħla funzjonijiet eżekuttivi li jikkonsolidat l-linji gwida eżistenti, ġie ppubblikat fis-7 ta' Mejju 2021⁷¹. Sa issa, il-qafas etiku għall-uffiċjali pubbliċi ma kienx ikkonsolidat u kien mifrux fost diversi atti⁷². Il-Kodiċi ta' Kondotta jgħaqqad ir-regoli dwar il-valuri, id-dmirijiet ġenerali, l-impjiegi sekondarji, ir-

⁶² Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni (li jinkludi l-FIU).

⁶³ Data għas-snin 2010-2019 irċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

⁶⁴ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

⁶⁵ L-OECD (2020), aħbarijiet dwar it-tixhim u l-korruzzjoni, OECD recognises Finland's commitment to combat corruption, but is concerned about lack of foreign bribery enforcement (1-20 ta' Ottubru 2020).

⁶⁶ L-OECD, Implementing the OECD anti-bribery convention. Phase 4 written follow-up report by Finland (2020), p. 5-7; Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż.

⁶⁷ Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi (2020), Anti-corruption Guide for SMEs.

⁶⁸ Ir-responsabbiltà ministerjali hija rregolata mill-Kostituzzjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar d-dikjarazzjonijiet ta' dmirijiet u interessi esterni u l-iskwalifika u mill-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-kunflitti ta' interess.

⁶⁹ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 20.

⁷⁰ GRECO Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, il-paragrafu 39.

⁷¹ Il-Gvern Finlandiż (2021), Code of conduct for officials (*Virkamieseettinen toimintaohje*); it-tnejn tal-Kodiċi ta' Kondotta ġiet irrapportata fir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p.6.

⁷² L-Att dwar Uffiċjali Pubbliċi fil-Gvern Ċentrali; L-Att dwar il-Proċedura Amministrattiva; L-Att dwar il-Ftuħ tal-Attivitajiet tal-Gvern; Il-Kodiċi Kriminali tal-Finlandja.

rigali u l-benefiċċji u huwa vinkolanti għall-impjegati taċ-ċivil kollha, inklużi l-eżekuttivi għolja iżda esklużi l-Ministri⁷³. Fl-1 ta' Mejju 2021, il-Ministeru għall-Finanzi aġġorna wkoll id-dokument ta' gwida dwar l-ospitalità, il-benefiċċji u r-rigali li jirċievu l-impjegati taċ-ċivil⁷⁴. Fil-ħarifa 2020, il-Ministri ngħataw gwida dwar ir-rigali u r-reġistrazzjoni tagħhom⁷⁵.

Il-lobbying għadu mhux regolat fil-Finlandja u qed titħejja leġiżlazzjoni dwar reġistru ta' trasparenza⁷⁶. Il-Ministeru għall-Ġustizzja reċentement ippubblika rapport li jeżamina l-prattiki tal-lobbying fil-Finlandja⁷⁷. Ir-rapport jidentifika l-lobbying bħala Prattika mifruxa li ħafna drabi ssir fil-magħluq. Grupp ta' ħidma parlamentari ddedikat ikompli l-ħidma fuq il-leġiżlazzjoni dwar reġistru ta' trasparenza⁷⁸ bil-għan li jitjieb il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tissaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku. Bħala l-ewwel pass, huwa previst li jiġi impost obbligu ta' reġistrazzjoni fuq il-lobbisti li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet fil-livell tal-gvern ċentrali, esklużjoni l-gvernijiet lokali u reġjonali, għalkemm l-ambitu jista' jiġi estiż aktar tard⁷⁹. L-Att dwar ir-Reġistru ta' Trasparenza huwa mistenni li jidħol fis-seħħ fl-2023 bil-għan li simultanjament jintroduċi reġistru elettroniku⁸⁰.

Il-Gvern qed iħejji proposti leġiżlattivi għal regolamentazzjoni aktar stretta tar-revolving doors. Proposta governattiva biex jiġi estiż il-perjodu ta' preklużjoni minn sitt xhur għal 12-il xahar għall-impjegati taċ-ċivil hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-Parlament fil-ħarifa 2021⁸¹. Fir-rigward tal-Ministri, il-Gvern bħalissa qed iħejji proġett leġiżlattiv dwar il-limitazzjoni tar-revolving doors biex jiġu indirizzati kunflitti ta' interess potenzjali li jirriżultaw wara li jtilqu mill-kariga pubblika. Din il-proposta kienet ippjanata li tiġi ppreżentata lill-Parlament fir-rebbiegħa 2021⁸². Il-fenomeni tar-revolving door ġie diskuss b'mod wiesa' minħabba xi każijiet irrappurtati fil-media nazzjonali. Il-kunflitt ta' interess jibqa' mhux definit fil-leġiżlazzjoni, għalkemm diġà saru rakkomandazzjonijiet biex tiġi stabbilita jew imtejba sistema formali għal rieżami tad-dikjarazzjonijiet tal-Ministri u għal żvelar ta' persuni oħra fdati bl-ogħla funzjonijiet eżekuttivi⁸³.

Grupp ta' ħidma parlamentari qed jirrieżamina l-leġiżlazzjoni dwar il-partiti politiċi u l-finanzjament elettorali. Il-finanzjament tal-partiti politiċi huwa ssorveljat mill-Uffiċċju

⁷³ Il-Gvern Finlandiż (2021), Code of conduct for officials (*Virkamieseettinen toimintaohje*); ara wkoll ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 6.

⁷⁴ Il-Ministeru għall-Finanzi (2021), On hospitality, benefits and gifts (*Vieraanvaraisuudesta, eduista ja lahjoista*).

⁷⁵ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

⁷⁶ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 7-8.

⁷⁷ Hirvola, Aino, Mikkonen, Salla, Skippari, Mika and Tiensuu, Paul (2021), Towards more open lobbying: Current state of lobbying in Finland at central government level (*Oikeusministeriön julkaisuja, Selvityksiä ja ohjeita 2021*), p. 6.

⁷⁸ Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2019), Gateway to Information on Government Projects (Transparency Register).

⁷⁹ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

⁸⁰ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

⁸¹ Il-Ministeru għall-Ġustizzja, informazzjoni dwar il-proposta biex jiġi emendat l-Att dwar l-impjegati taċ-ċivil, <https://www.lausuntopalvelu.fi/FI/Proposal/Participation?proposalId=797974c6-56bd-400f-b08d-be3a835b47ca>.

⁸² Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 16.

⁸³ GRECO, Fifth Evaluation Round – Evaluation Report, ir-Rakkomandazzjoni iii); Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 8.

Nazzjonali tal-Awditjar⁸⁴. Madankollu, hemm tħassib li r-regoli attwali fihom lakuni li jagħmluha possibbli li ma tiġix żvelata l-oriġini tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha. Grupp ta' ħidma parlamentari fl-ambitu tal-Programm Nazzjonali għad-Demokrazija qed jirrieżamina l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni elettorali, dwar il-partiti u l-finanzjament tal-partiti u se joħroġ ir-rapport tiegħu fl-2021⁸⁵.

Is-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi qed tiġi riveduta. Id-dikjarazzjoni tal-assi għal uffiċjali għolja tal-Gvern hija rregolata fl-Att dwar Uffiċjali Pubbliċi fil-Gvern Ċentrali⁸⁶. Emenda leġiżlattiva, li testendi l-obbligu li l-assi jiġu ddikjarati wkoll mill-konsulenti speċjali tal-ministri, hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-Parlament matul l-2021⁸⁷. Huma previsti wkoll emendi għall-impjegati taċ-ċivil biex jillimitaw id-diskrezzjoni tagħhom fir-rigward ta' informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni tal-interessi tagħhom u sa liema punt l-informazzjoni trid titqies rilevanti għall-valutazzjoni tal-kapaċità tagħhom li jwettqu dmirijiet b'mod indipendenti⁸⁸.

Qed titħejja leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-informaturi. Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-każijiet ta' ksur tal-liġi rrapportat ġew indirizzati permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika, bħal-liġi tax-xogħol u l-liġi kriminali. Bħalissa, il-Finlandja qed tħejji leġiżlazzjoni ġdida dwar il-protezzjoni tal-informaturi biex timplimenta f'livell nazzjonali d-direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni⁸⁹. Id-dħul fis-seħħ hija mistenni f'nofs Diċembru 2021. Sadanittant, f'Marzu 2021 il-Ministeru għall-Finanzi ħatar grupp ta' ħidma⁹⁰ biex iħejji kanal ta' rappurtar tekniku għall-irregolaritajiet lill-organizzazzjonijiet tal-Gvern, li huwa relatat mal-implimentazzjoni tad-direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni.

Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni u miżuri oħra ġew applikati bħas-soltu. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni qed isegwi u janalizza l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-korruzzjoni. Filwaqt li, b'mod ġenerali, il-korruzzjoni mhijiex meqjusa bħala kwistjoni ewlenija fis-settur tas-saħħa Finlandiż, l-awtoritajiet responsabbli huma konxji tal-livell tar-riskju akbar matul il-pandemija tal-COVID-19 u qed tiġi żviluppata strateġija taħt it-tmexxija tal-Ministeru għall-Finanzi f'kooperazzjoni mal-muniċipalitajiet dwar prattiki tal-akkwist pubbliku aħjar u aktar sostenibbli biex jitnaqqas ir-riskju⁹¹.

III. PLURALIŻMU U L-LIBERTÀ TAL-MEDIA

Fil-Finlandja, il-libertà tal-espressjoni hija protetta mill-Kostituzzjoni u tiggarrantixxi wkoll l-aċċess għad-dokumenti pubbliċi. Il-Finlandja tirrikjedi li l-provdituri tas-servizzi tal-media jagħmlu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjieda tagħhom aċċessibbli pubblikament. Il-

⁸⁴ L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, Oversight of Election Campaign and Political Party Financing.

⁸⁵ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

⁸⁶ L-Att dwar Uffiċjali Pubbliċi fil-Gvern Ċentrali 750/1994, l-Artikolu 8a.; Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 8.

⁸⁷ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

⁸⁸ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 17.

⁸⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni. Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 18.

⁹⁰ Il-Ministeru għall-Finanzi (il-25 ta' Marzu 2021), A working group established to create a channel for whistleblowers.

⁹¹ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja mill-Ministeru għall-Finanzi.

kompiti u s-setgħat tal-Aġenzija Finlandiża għat-Trasport u l-Komunikazzjoni (Traficom), l-awtorità regolatorja tal-media, huma żgurati bil-liġi. Ġiet adottata leġislazzjoni biex tittrasponi d-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva⁹².

L-awtorità regolatorja tal-media, l-Aġenzija Finlandiża għat-Trasport u l-Komunikazzjoni (Traficom), topera b'mod indipendenti u effettiv iżda s-sitwazzjoni ekonomika tagħha għadha ta' sfida⁹³. L-aħħar edizzjoni tal-Media Pluralism Monitor (MPM 2021) tivvaluta r-regolatur tal-media bħala ġust u trasparenti. Skont l-MPM, ir-riskji huma elevati biss minħabba l-kontroll baġitarju parzjali tal-gvern fuq l-aġenzija u l-baġit insuffiċjenti tagħha⁹⁴. L-awtorità kkomunikat sensji potenzjali ta' mhux aktar minn 56 persuna minn kważi 1 000 membru tal-persunal⁹⁵. Minkejja dawn l-isfidi, Traficom esperjenzat titjib żgħir fir-riżorsi umani għall-kompiti tagħha ta' superviżjoni tal-media. Min-naħa tiegħu, l-Istitut Awdjoviżiv Nazzjonali, korp tal-media indipendenti ieħor b'funzjonijiet aktar speċjalizzati⁹⁶, irrapporta titjib żgħir fir-riżorsi tiegħu meta mqabbel mas-sena preċedenti u rnexxielu jirrekluta persunal ġdid.

Il-leġislazzjoni l-ġdida tejbet it-trasparenza tas-sjeda tal-media⁹⁷. Bħala parti mit-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD)⁹⁸, f'Jannar 2021 daħlu fis-seħħ regolamenti ġodda fil-Finlandja⁹⁹ li jobbligaw lill-provdituri tas-servizzi tal-media jagħmlu informazzjoni dwar l-istruttura tas-sjeda aċċessibbli pubblikament. Qabel, ma kien hemm l-ebda regola speċifika li tirregola t-trasparenza tas-sjeda tal-media, għalkemm l-iżvelar volontarju kien komuni, u r-regoli ta' pubbliċità ġenerali għal kumpaniji b'responsabbiltà limitata kienu japplikaw għall-kumpaniji tal-media¹⁰⁰. L-MPM tinnota li l-konċentrazzjoni tal-media tal-aħbarijiet fil-Finlandja għadha għolja ħafna¹⁰¹.

Il-Gvern ħareġ għotjiet ta' appoġġ f'tentattiv biex jgħin lis-settur tal-media matul il-kriżi tal-COVID-19. F'Ottubru 2020, il-Gvern ħareġ għotja ta' EUR 7,5 miljun bil-għan li

⁹² Sa mill-ewwel rapport fl-2002, il-World Press Freedom Index ta' Reporters Mingħajr Fruntieri kontinwament poġġa lill-Finlandja fost l-aqwa ħames pajjiżi, u fil-preżent tokkupa t-tieni post globalment u l-ewwel post fost l-Istati Membri tal-UE.

⁹³ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 9 u l-informazzjoni rċevuta minn Traficom fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż tal-2021 fil-Finlandja. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnotat li d-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) tirrikjedi li l-Istati Membri "jiżguraw li l-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali jkollhom riżorsi finanzjarji u umani u setgħat ta' infurzar adegwati biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effikaċi u jikkontribwixxu għall-ħidma tal-ERGA". L-Artikolu 30(4) tad-Direttiva 2010/13/UE, kif riveduta bid-Direttiva 2018/1808/UE.

⁹⁴ 2021 Media Pluralism Monitor, ir-rapport tal-pajjiż għall-Finlandja, p. 8.

⁹⁵ YLE (it-12 ta' Mejju 2021) Traficom irtisanoo enintään 56 henkeä; Minbarra l-media, l-oqsma ta' għarfien esperti ta' Traficom jinkludu servizzi għas-sewwieqa, servizzi tas-sistema tat-trasport, konnessjonijiet diġitali u ċ-Ċentru Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà tal-Finlandja.

⁹⁶ Minbarra li jikklassifika l-programmi awdjoviżivi għall-finijiet tal-protezzjoni tal-minuri, l-Istitut Awdjoviżiv Nazzjonali għandu dmir statutorju (l-Att dwar l-Istitut Awdjoviżiv Nazzjonali 1434/2007) li jippromwovi l-edukazzjoni dwar il-media.

⁹⁷ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 9.

⁹⁸ L-Artikolu 5 tal-AVMSD riveduta.

⁹⁹ L-Att dwar is-Servizzi ta' Komunikazzjoni Elettronika 917/2014, l-Artikolu 4a; L-Att Reġjonali (2011: 95) dwar l-attivitajiet tar-radju u tat-televiżjoni, l-Artikolu 5, kif emendat bil-Att ta' Åland 2020/119.

¹⁰⁰ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 9.

¹⁰¹ 2021 Media Pluralism Monitor, ir-rapport tal-pajjiż għall-Finlandja, p. 9.

jappoġġa l-media tal-produzzjoni għall-kontenut affettwata mill-pandemija tal-COVID-19 u jżid il-provvista ta' kontenut ġurnalistiku divers kif ukoll jippromwovi l-ġurnaliżmu fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali¹⁰². L-għotja ngħatat lill-kumpaniji tal-media kollha li ssodisfaw il-kriterji primarjament ekonomiċi inkluża evidenza tat-tnaqqis fil-bejgħ tar-reklamar, iżda l-partijiet ikkonċernati jindikaw li ċerti kumpaniji tal-media ta' daqs medju ma setgħux jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha¹⁰³. Grupp ta' ħidma maħtur mill-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni se jeżamina jekk jistax jiġi introdott mekkaniżmu ta' għajjuna aktar permanenti biex jappoġġa l-ġurnaliżmu fil-Finlandja¹⁰⁴.

B'rispons għall-Programm tal-Gvern, il-Ministeru għall-Ġustizzja qed jippjana li jaġġorna l-Att dwar il-Ftuħ tal-Attivitajiet tal-Gvern¹⁰⁵. Il-Gvern se jivvaluta, fost affarijiet oħra, jekk l-Att jistax japplika għal *data* u informazzjoni f'sens aktar ġenerali u jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jiġi estiż biex ikopri entitajiet legali li huma proprjetà tas-settur pubbliku jew ikkontrollati minnu¹⁰⁶. Il-konformità mal-Att se tissaħħaħ ukoll¹⁰⁷. Il-perċezzjoni ta' xejra fis-sinjori reċenti lejn interpretazzjoni aktar stretta tar-regoli minn xi awtoritajiet, inkluż l-pulizija, għadha tippersisti¹⁰⁸. Il-Ministeru għall-Ġustizzja ħatar grupp ta' ħidma biex, sa Ġunju 2023, jivvaluta gradwalment u jiċċara s-suffiċjenza tal-kamp ta' applikazzjoni u n-nuqqasijiet possibbli tal-leġiżlazzjoni attwali u biex jipprovdi soluzzjonijiet. Il-valutazzjoni se tindirizza l-bidliet strutturali kif ukoll id-diġitalizzazzjoni. Aktar tard fl-2021, il-grupp ta' ħidma se jippreżenta proposta dwar jekk hemmx il-ħtieġa għal xi bidliet urġenti fil-leġiżlazzjoni¹⁰⁹. Din l-inizjattiva hija ġeneralment milqugħa mill-organizzazzjonijiet nongovernattivi. Hemm ukoll sejħa għal bilanċ aħjar bejn il-protezzjoni tal-privatezza u l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni ta' interess pubbliku¹¹⁰.

Qed jitħejjew diversi riformi legali biex jindirizzaw il-fastidju tal-ġurnalisti online¹¹¹. Il-Ministeru għall-Ġustizzja ħareġ proposta tal-Gvern biex jinbidel il-Kodiċi Kriminali sabiex jippermetti lill-prosekuturi pubbliċi f'ċerti każijiet iressqu akkużi f'isem il-vittima għal theddid u mmirar illegali. L-emenda tfittex li tindirizza l-pożizzjoni vulnerabbli tal-ġurnalisti

¹⁰² Id-Digriet tal-Gvern dwar l-Għotjiet mill-Istat għall-Promozzjoni tal-Kontenut Ġurnalistiku fl-2020 (679/2020) jinsab hawnhekk: <https://www.finlex.fi/fi/laki/alkup/2020/20200679>; L-Aġenzija Finlandiża għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, Traficom (il-21 ta' Diċembru 2020) (<https://www.traficom.fi/fi/ajankohtaista/journalismin-edistamiseen-myonnetaan-koronatukea-75-miljoonaa-euroa>).

¹⁰³ Il-Federazzjoni tal-Media Finlandiża (it-23 ta' Diċembru 2020) (<https://www.medialiitto.fi/uutiset/journalismin-edistamiseen-myonnettiin-tukea-236-tiedotusvalineelle/>) u l-informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

¹⁰⁴ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 21.

¹⁰⁵ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 10.

¹⁰⁶ Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 24-25.

¹⁰⁷ Il-Gvern Finlandiż (2019), il-manifest tal-Gvern, Inclusive and competent Finland – a socially, economically and ecologically sustainable society.

¹⁰⁸ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 10; L-informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż tal-2021 fil-Finlandja, pereż. mill-Union tal-Ġurnalisti, il-Federazzjoni tal-Media Finlandiża u l-Kunsill għal Mezzi tal-Komunikazzjoni tal-Massa.

¹⁰⁹ Informazzjoni dwar il-proċess leġiżlattiv tinsab hawnhekk <https://oikeusministerio.fi/hanke?tunnus=OM083:00/2020>

¹¹⁰ Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2020), Summary of opinions on the enlarging of scope of the Act on the Openness of Government Activities, (*Julkisuuslain soveltamisalan laajentaminen – lausuntotiivistelmä*), p. 13; Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż.

¹¹¹ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 9; Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021, p. 24-25.

freelance u persuni f'funzjoni pubblika u hija mistennija tidħol fis-seħħ fil-ħarifa 2021¹¹². Biex jindirizza d-diskors ta' mibegħda fil-konfront ta' ġurnalisti nisa, il-Ministeru għall-Ġustizzja beda wkoll iħejji bidla oħra fil-Kodiċi Kriminali biex il-ġeneru jiżdied mal-motivi li jikkonstitwixxu raġunijiet għaż-żieda fil-kastig għal (kwalunkwe) reat¹¹³. Dawn l-azzjonijiet jidhru li huma fil-biċċa l-kbira milqugħa mill-komunità ġurnalistika, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-indirizzar tat-theddid online¹¹⁴. Barra minn hekk, il-Gvern qed jirrifletti dwar il-ħtieġa li jissaħħu l-ordnijiet ta' trażżin, li jistgħu jipproteġu l-ħajja, is-saħħa, il-libertà jew il-paċi ta' persuna billi jiċċdu l-kuntatt ta' xi ħaddieħor magħhom u jipprevjenu reati possibbli. Il-Gvern qed jeżamina jekk il-qafas leġiżlattiv attwali jindirizzax b'mod suffiċjenti l-kampanji ta' mibegħda online u l-possibbiltajiet li titjieb l-effettività tal-ordnijiet ta' trażżin u jitnaqqas l-għadd ta' ksur¹¹⁵. L-Union tal-Ġurnalisti flimkien mal-kumpanji tal-media u l-assoċjazzjonijiet tal-industrija qed tmexxi fond ta' appoġġ biex tgħin lill-ġurnalisti li ġew soġġetti għal theddid jew forum oħra ta' fastidju¹¹⁶. Ma ġiet ippubblikata l-ebda twissija ġdida għall-Finlandja fil-pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti mir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt¹¹⁷, iżda l-MPM 2021 tirrapporta li l-ġurnalisti qed jingħataw aktar fastidju online, l-aktar fil-forma ta' theddid u kampanji ta' malafama u b'mod partikolari l-ġurnalisti nisa jesperjenzaw abbuż verbali abbażi tal-ġeneru u theddid ta' vjolenza sesswalizzata¹¹⁸.

IV. KWISTJONIJIET ISTITUZZJONALI OĦRAJN RELATATI MAS-SISTEMA TA' KONTROKONTROLLI

Il-Finlandja hija demokrazija parlamentari b'kamra waħda, fejn il-proposti leġiżlattivi jistgħu joħorġu mill-Gvern jew mill-Parlament (għalkemm fil-prattika l-biċċa l-kbira tal-liġijiet huma bbażati fuq proposti tal-Gvern). Fin-nuqqas ta' Qorti Kostituzzjonali, ir-rieżami *ex ante* tal-kostituzzjonalità jitwettaq mill-Kanċillier tal-Ġustizzja, li huwa uffiċjal tal-Gvern u mill-Kumitat tad-Dritt Kostituzzjonali¹¹⁹, kumitat parlamentari li jivvaluta l-kostituzzjonalità tal-proposti ppreżentati lill-Parlament. Barra minn hekk, il-qrati kollha jistgħu jwettqu rieżami *ex post* tal-kostituzzjonalità f'każijiet konkreti¹²⁰. Il-Kanċillier tal-Ġustizzja, iċ-Ċentru tad-Drittijiet Umani u l-Ombudsman Parlamentari għandhom rwol importanti fis-sistema ta' kontrokontrolli.

Pjan ta' Azzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar tal-2020 għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità, l-ippjanar u t-trasparenza tal-leġiżlazzjoni. F'Awwissu 2020, il-Gvern adotta

¹¹² Aktar informazzjoni dwar l-emenda tinsab hawnhekk [HE 226/2020 vp \(eduskunta.fi\)](https://oikeusministerio.fi/hanke?tunnus=OM045:00/2019) u <https://oikeusministerio.fi/hanke?tunnus=OM045:00/2019>.

¹¹³ Aktar informazzjoni dwar l-emenda tinsab hawnhekk [HE 7/2021 vp \(eduskunta.fi\)](https://oikeusministerio.fi/hanke?tunnus=OM024:00/2019) u <https://oikeusministerio.fi/hanke?tunnus=OM024:00/2019>.

¹¹⁴ Tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika tal-Ministeru għall-Ġustizzja dwar l-inizjattivi (ara n-noti 112 u 113 f'qiegħ) u l-informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

¹¹⁵ Il-Gvern Finlandiż (2020), Report of the Government-appointed rapporteur on hate campaigns, Systematic harassment and targeting: an assessment of the legislation. Aktar informazzjoni dwar il-grupp ta' hidma dwar l-ordni ta' trażżin tinsab hawnhekk: <https://oikeusministerio.fi/hanke?tunnus=OM015:00/2020>.

¹¹⁶ L-Unjoni tal-Ġurnalisti fil-Finlandja (it-3 ta' Diċembru 2019), Journalists' Support Fund launched.

¹¹⁷ Il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u tas-sikurezza tal-ġurnalisti.

¹¹⁸ 2021 Media Pluralism Monitor, ir-rapport tal-pajjiż għall-Finlandja, p. 15.

¹¹⁹ Il-kumitat huwa magħmul minn membri tal-Parlament u b'mod regolari jisma' esperti indipendenti dwar id-dritt kostituzzjonali.

¹²⁰ Skont it-Taqsima 106 tal-Kostituzzjoni, jekk f'kawża quddiem, qorti l-applikazzjoni ta' att tkun f'kunflitt evidenti mal-Kostituzzjoni, il-qorti għandha tagħti prijorità lill-Kostituzzjoni.

Pjan ta' Azzjoni dwar Regolamentazzjoni biex itejjeb aktar il-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tal-abbozzar leġiżlattiv¹²¹. Il-pjan jipprevedi attivitajiet li jsaħħu l-ippjanar sistematiku tal-leġiżlazzjoni, aktar żvilupp tat-trasparenza u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, żvilupp tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-approċċ sistematiku għall-evalwazzjoni *ex post* u li jtejjeb il-benefiċċji tat-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni fil-proċess leġiżlattiv. Il-Pjan ta' Azzjoni huwa appoġġat minn Pjan ta' Implimentazzjoni¹²².

L-użu ta' setgħat ta' emerġenza u miżuri oħra fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 kien soġġett b'mod konsistenti għal rieżami *ex ante* konstituzzjonali¹²³. L-eżerċizzju tas-setgħat ta' emerġenza huwa permess biss fi stat ta' emerġenza, li jista' jiġi ddikjarat mill-Gvern flimkien mal-President. L-adozzjoni ta' miżuri ta' emerġenza ssegwi diversi stadji u hija soġġetta għall-approvazzjoni tal-Parlament u għal rieżami tal-konstituzzjonalità mill-Kanċillier tal-Ġustizzja u mill-Kumitat tad-Dritt Konstituzzjonali¹²⁴. L-użu tas-setgħat ta' emerġenza huwa kkundizzjonat minn diversi rekwiżiti, bħan-neċessità u l-proporzjonalità, u jrid jkun limitat biż-żmien. Wara l-applikazzjoni tas-setgħat ta' emerġenza bejn is-16 ta' Marzu u s-16 ta' Ġunju 2020¹²⁵, ġie ddikjarat mill-ġdid stat ta' emerġenza bejn l-1 ta' Marzu 2021 u s-27 ta' April 2021¹²⁶. Il-maġġoranza tal-miżuri meħuda fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 kienu bbażati fuq leġiżlazzjoni ordinarja¹²⁷. Il-Kanċillier tal-Ġustizzja nnota li b'mod ġenerali l-prinċipji tal-istat tad-dritt ġew rispettati sew, għalkemm instabu xi kwistjonijiet, bħall-applikazzjoni wiesgħa żżejjed tal-leġiżlazzjoni ordinarja u raġunament insuffiċjenti tal-miżuri ta' emerġenza f'xi okkażjonijiet¹²⁸. Il-Kumitat tad-Dritt Konstituzzjonali ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' rieżami bir-reqqa tar-regolamentazzjoni tal-istat ta' emerġenza wara t-tmien taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali¹²⁹.

Liġi li tiċċara d-diviżjoni tas-setgħat bejn il-Kanċillier tal-Ġustizzja u l-Ombudsperson Parlamentari hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-Parlament¹³⁰. Il-Kanċillier tal-Ġustizzja u l-Ombudsperson Parlamentari huma ż-żewġ gwardjani indipendenti tal-legalità u tad-drittijiet fundamentali previsti fil-Konstituzzjoni Finlandiża. Huma jwettqu kompiti simili

¹²¹ Il-Pjan ta' Azzjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar.

¹²² Jinsab hawnhekk: https://api.hankeikkuna.fi/asiakirjat/6319b68b-eb2a-4cf2-a88d-fdcf6b6773dd/4674d456-c494-48b3-b693-0b419e224882/LIITE_20200818131744.pdf.

¹²³ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 11-12.

¹²⁴ Il-miżura għandha tiġi adottata fi proċedura f'żewġ stadji, fejn il-Gvern l-ewwel jadotta digriet ta' infurzar li jidentifika s-setgħat li għandhom jiġu invokati, u li jrid jinħarġu għal perjodu ta' żmien limitat, sa sitt xhur. Il-Kanċillier tal-Ġustizzja jwettaq rieżami tal-konstituzzjonalità tad-digriet. Id-digriet imbagħad jiġi ppreżentat lill-Parlament għall-approvazzjoni jew ir-revoka tiegħu, soġġett għal skrutinju minn diversi kumitati parlamentari, inkluż il-Kumitat tad-Dritt Konstituzzjonali, li l-opinjoni tiegħu hija vinkolanti. Jekk id-digriet jiġi approvat, il-Gvern jista' jippreżenta digriet ta' implimentazzjoni, li jispeċifika kif is-setgħat se jiġu applikati. Id-digriet ta' implimentazzjoni huwa wkoll imġedded mill-Kanċillier tal-Ġustizzja u ppreżentat lill-Parlament għall-approvazzjoni jew ir-revoka tiegħu.

¹²⁵ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 11.

¹²⁶ Id-deċiżjonijiet governattivi VNK/2021/21 tal-1 ta' Marzu 2021 u VNK/2021/48 tas-27 ta' April 2021.

¹²⁷ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja. Għadd ta' emendi għal-leġiżlazzjoni ġew adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja b'ċerti modifiki, bħal proċess iqsar ta' konsultazzjoni. Dan kien fis-seħħ għal perjodu determinat ta' żmien, normalment sal-aħħar ta' Ġunju jew Diċembru u ġew estiżi jew maħruġa mill-ġdid hekk kif il-pandemija tal-COVID-19 baqgħet tippersisti.

¹²⁸ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

¹²⁹ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

¹³⁰ Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja, p. 12.

u konkorrenti ta' sorveljanza tal-attivitajiet tal-awtoritajiet pubbliċi u ta' monitoraġġ tal-legalità u tal-istat tad-dritt fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika mill-Gvern, mill-istituzzjonijiet pubbliċi u mill-qrati¹³¹, għalkemm fil-prattika teżisti xi speċjalizzazzjoni¹³². Fl-2018 tnediet riforma bil-għan li jitnaqqas it-trikkib fil-kompiti tal-istituzzjonijiet u tiġi permessa l-ispeċjalizzazzjoni ulterjuri tagħhom. Il-pandemija tal-COVID-19 dewmet l-adozzjoni tar-riforma, li hija mistennija li tiġi ppreżentata lill-Parlament fil-ħarifa 2021¹³³. Ir-riforma ġiet promossa b'mod attiv kemm mill-Ombudsperson Parlamentari kif ukoll mill-Kanċillier tal-Ġustizzja wkoll fid-dawl ta' effiċjenza mtejbja mistennija fil-ġestjoni tal-kompiti tagħhom. Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, kien hemm żieda sinifikanti fl-ammont ta' xogħol, peress li din wasslet għal għadd ta' lmenti kontra l-miżuri adottati mill-awtoritajiet indirizzati liż-żewġ istituzzjonijiet u l-Kanċillier tal-Ġustizzja kien meħtieġ iwettaq rieżami tal-legalità minn qabel tal-leġiżlazzjoni relatata mal-pandemija tal-COVID-19¹³⁴.

Il-Bord Konsultattiv il-ġdid għall-Politika tas-Soċjetà Ċivili, li għandu rwol importanti għall-ispazju ċivili, se jiġi elett fil-ħarifa. L-ispazju tas-soċjetà ċivili fil-Finlandja huwa meqjus bħala miftuħ¹³⁵. Minbarra l-konsultazzjonijiet formali dwar leġiżlazzjoni ġdida, hemm tradizzjoni twila ta' parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tnejn tal-politiki tal-gvern, għalkemm il-livell tal-involviment tagħhom ivarja skont l-istituzzjonijiet governattivi¹³⁶. Wieħed mill-mekkaniżmi biex is-soċjetà ċivili tiġi involuta fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet huwa l-Bord Konsultattiv għall-Politika tas-Soċjetà Ċivili, pjattaforma bil-kompitu li tippromwovi l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili u ttejjeb il-qafas għas-soċjetà ċivili. Il-Bord huwa magħmul minn rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili¹³⁷ u minn diversi awtoritajiet governattivi. Il-Bord jagħti rakkomandazzjonijiet rigward il-politika tas-soċjetà ċivili, li, fil-fehma tiegħu, huma ikkunsidrati kif xieraq mill-awtoritajiet¹³⁸. Il-mandat tal-Bord preċedenti ntemm fi Frar 2021, u l-Bord il-ġdid għandu jiġi elett fil-ħarifa 2021. Il-bord preċedenti ffoka fuq żewġ oqsma ewlenin, jiġifieri t-tiżi tal-awtonomija tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

¹³¹ Iż-żewġ awtoritajiet jistgħu jressqu akkużi kontra mħallef għal imġiba illegali fl-uffiċċju.

¹³² Il-Kanċillier tal-Ġustizzja jinħatar mill-President tar-Repubblika u jkollu responsabbiltajiet partikolari fis-sorveljanza tal-attivitajiet tal-Gvern. L-Ombudsman jinħatar mill-Parlament u għandu mandat wiesa' biex isegwi l-ilmenti miċ-ċittadini. Barra minn hekk, il-Kanċillier tal-Ġustizzja jiżgura r-rieżami tal-legalità minn qabel tal-abbozzi ta' leġiżlazzjoni li jiġu ppreżentati lill-Parlament.

¹³³ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż.

¹³⁴ Kontribut mill-Kanċillier tal-Ġustizzja għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt; informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

¹³⁵ Gradazzjoni ta' CIVICUS; il-gradazzjonijiet jingħataw fuq skala ta' ħames kategoriji definiti bħala: miftuħ, ristrett, imxekkel, repress u magħluq.

¹³⁶ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

¹³⁷ L-għan huwa li tiġi rappreżentata firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

¹³⁸ Informazzjoni rċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fil-Finlandja.

Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetiku*

* Il-lista tal-kontributi rċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt tinsab hawnhekk (<https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/upholding-rule-law/rule-law/rule-law-mechanism/2021-rule-law-report-targeted-stakeholder-consultation>).

Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u għal-Libertà tal-Media (2021), *Media pluralism monitor 2021* (<https://cmpf.eui.eu/media-pluralism-monitor/mpm-2021/>).

Is-CEPEJ (2020), *Study on the functioning of the judicial systems in the EU Member States*.

Il-Kanċillier tal-Ġustizzja (2021), *Kontribut għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt*.

Civicus, Monitor tracking civic space – Finland (<https://monitor.civicus.org/country/finland/>).

Il-Kunsill tal-Ewropa, Platform to promote the protection of journalism and safety of journalists – Finland (<https://www.coe.int/en/web/media-freedom/finland>).

Id-Direttiva (UE) 2010/13 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva).

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2020), *Ewrobarometru Speċjali 502: Il-korruzzjoni*.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2020), *Ewrobarometru Flash 482: L-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE*.

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Finlandja*.

Il-Kummissjoni Ewropea, (2021), *it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE*.

In-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura (2021), *Il-kontribut tal-ENCJ għar-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni Ewropea*.

Il-Gvern Finlandiż (2019), il-manifest tal-Gvern, *Inclusive and competent Finland – a socially, economically and ecologically sustainable society*.

Il-Gvern Finlandiż (2020), *Implementation Plan on Action Plan on the Better Regulation* (https://api.hankeikkuna.fi/asiakirjat/6319b68b-eb2a-4cf2-a88d-fdcf6b6773dd/4674d456-c494-48b3-b693-0b419e224882/LIITE_20200818131744.pdf).

Il-Gvern Finlandiż (2020), *Action Plan on Better Regulation (Paremmän sääntelyn toimintaohjelma)* (<https://valtioneuvosto.fi/-/1410853/paremmän-saantelyn-toimintaohjelmalla-tehostetaan-lainvalmistelua>).

Il-Gvern Finlandiż (2020), *ir-Rapport tar-relatur mahtura mill-Gvern dwar il-kampanji ta' mibegħda, Systematic harassment and targeting: an assessment of the legislation (Järjestelmällinen häirintä ja maalittaminen: Lainsäädännön arviointia)* (<https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/handle/10024/162579>).

Il-Gvern Finlandiż (2020), *Study on the impact of public legal aid revenue ceilings (Selvitys julkisen oikeusavun tulorajojen vaikutuksista)* (<https://tietokayttoon.fi/-/selvitys-julkisen-oikeusavun-tulorajojen-vaikutuksista>).

Il-Gvern Finlandiż (2021), *Code of conduct for officials (Virkamieseettinen toimintaohje)* (<https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/handle/10024/163089>).

Il-Gvern Finlandiż (2021), *Kontribut mill-Finlandja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt*.

GRECO (2017), *Fifth Evaluation Round – Evaluation Report on Finland on preventing corruption and promoting integrity in central governments (top executive functions) and law enforcement agencies*.

Hirvola, Aino, Mikkonen, Salla, Skippari, Mika and Tiensuu, Paul (2021), Towards more open lobbying: *Current state of lobbying in Finland at central government level*, (Oikeusministeriön julkaisuja, Selvityksiä ja ohjeita 2021) (https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/bitstream/handle/10024/162855/OM_2021_6_SO.pdf?sequence=1&isAllowed=y).

Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi (2020), Anti-corruption Guide for SMEs (<https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/handle/10024/162227>).

Il-Ministeru għall-Finanzi (2021), *A working group established to create a channel for whistleblowers* (https://api.hankeikkuna.fi/asiakirjat/3476e3a2-b415-4704-b68a-1a451c15bf6b/ad5d57c2-418f-4652-9daf-71fc01b821d0/ASETTAMISPAATOS_20210429060832.pdf).

Il-Ministeru għall-Finanzi (2021), On hospitality, benefits and gifts (*Vieraanvaraisuudesta, eduista ja lahjoista*) ([Määräys tai Ohje \(vm.fi\)](https://www.vieraanvaraisuus.fi/)).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2019), Gateway to Information on Government Projects (Transparency Register) (<https://oikeusministerio.fi/en/project?tunnus=OM033:00/2019>).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2019), Stqarrija għall-istampa, Preparation of transparency register begins (it-12 ta' Marzu 2019) (https://oikeusministerio.fi/-/avoimuusrekisterin-valmistelu-alkaa?languageId=en_US).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2020), *Summary of opinions on the enlarging of scope of the Act on the Openness of Government Activities* (*Julkisuuslain soveltamisalan laajentaminen – lausuntotiivistelmä 2020:13*) (https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/bitstream/handle/10024/162509/OM_2020_13_ML.pdf?sequence=1).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2020), *Working group to prepare an anti-corruption strategy* (*Työryhmä valmistelevaan korruptionvastaista strategiaa*) (l-24 ta' April 2020 fil-Finlandiż u fl-Iżvediż) (<https://valtioneuvosto.fi/-/1410853/tyoryhma-valmistelevaan-korruptionvastaista-strategiaa>).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja (2021), Stqarrija għall-istampa, *Corruption must be fought in a comprehensive and long-term manner* (*Korruptiota torjutaan kokonaisvaltaisesti ja pitkäjänteisesti*) (https://oikeusministerio.fi/sv/-/korruption-ska-bekampas-pa-ett-overgripande-och-langsiktigt-satt?languageId=fi_FI).

Il-Ministeru għall-Ġustizzja, *Combating corruption in Finland* ([Combating corruption in Finland - Anti-corruption.fi \(korruptiontorjunta.fi\)](https://www.korruptiontorjunta.fi/)).

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, *Oversight of Election Campaign and Political Party Financing* ([Oversight of Election Campaign and Political Party Financing \(vaalirahoitusvalvonta.fi\)](https://www.vaalirahoitusvalvonta.fi/)).

L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali (2019), Stqarrija għall-istampa, *The National Prosecution Authority will start to operate as a single bureau on 1 October*, (it-30 ta' Settembru 2019), (<https://syyttajalaitos.fi/en/-/syyttajalaitos-aloittaa-toimintansa-yhtena-virastona-1-lokakuuta>).

L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali (2021), *Financial Statements of the National Prosecution Service for 2020* (*Syyttäjälaitoksen tilinpäätös 2020*).

L-OECD (2017), *Implementing the OECD anti-bribery convention. Phase 4 two-year follow-up report: Finland* (<https://www.oecd.org/corruption/Finland-phase-4-follow-up-report-ENG.pdf>).

L-OECD (2020), aħbarijiet dwar it-tixhim u l-korruzzjoni, OECD recognises Finland's commitment to combat corruption, but is concerned about lack of foreign bribery enforcement (l-20 ta' Ottubru 2020) (<https://www.oecd.org/corruption/oecd-recognises-finland-s-commitment-to-combat-corruption-but-is-concerned-about-lack-of-foreign-bribery-enforcement.htm>).

L-OECD (2020), *Implementing the OECD anti-bribery convention. Phase 4 written follow-up report* by Finland ([https://www.oecd.org/officialdocuments/publicdisplaydocumentpdf/?cote=DAF/WGB\(2019\)3/FINAL&docLanguage=En](https://www.oecd.org/officialdocuments/publicdisplaydocumentpdf/?cote=DAF/WGB(2019)3/FINAL&docLanguage=En)).

Reporters mingħajr Fruntieri – il-Finlandja (<https://rsf.org/en/finland>).

Transparency International (2021), l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2020.

L-Unjoni tal-Ġurnalisti fil-Finlandja (it-3 ta' Diċembru 2019), *Journalists' Support Fund launched* (<https://journalistiliitto.fi/en/journalists-support-fund-launched/>).

YLE (it-12 ta' Mejju 2021), *Traficom will lay off up to 56 people* (Traficom irtisanoo enintään 56 henkeä) (<https://yle.fi/uutiset/3-11929800>).

Anness II: Żjara tal-pajjiż fil-Finlandja

F'Marzu 2021, is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali ma':

- In-Network tal-Kooperazzjoni kontra l-Korruzzjoni
- Il-President tal-Bord Konsultattiv preċedenti għall-Politika tas-Soċjetà Ċivili
- Il-Kanċillier tal-Ġustizzja
- Il-Kunsill għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni tal-Massa fil-Finlandja
- L-Unità tal-Intelligence Finanzjarja
- L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin Finlandiża
- Il-Kamra tal-Avukati Finlandiża
- L-Assoċjazzjoni tal-Media Finlandiża
- Il-Bord tat-Taħriġ Ġudizzjarju
- Il-Ministeru għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi
- Il-Ministeru għall-Finanzi
- Il-Ministeru għall-Ġustizzja
- Il-Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni
- Il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u s-Saħħa
- L-Istitut Awdjoviżiv Nazzjonali
- L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni
- L-Amministrazzjoni tal-Qrati Nazzjonali
- L-Awtorità tal-Prosekuzzjoni Nazzjonali
- L-Ombudsman Parlamentari
- L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
- Il-Qorti Suprema
- Traficom
- Transparency International Finland
- L-Union tal-Ġurnalisti Finlandiżi

* Il-Kummissjoni Itaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International
- Iċ-Ċentru għad-Drittijiet Riproduttivi
- CIVICUS
- L-Unjoni għal-Libertajiet Ċivili għall-Ewropa
- Civil Society Europe
- Il-Konferenza tal-Knejjes Ewropej
- EuroCommerce
- European Center for Not-for-Profit Law
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media
- Il-Forum Ċiviku Ewropew
- Il-Federazzjoni Ewropea tal-Ġurnalisti
- Is-Shubija Ewropea għad-Demokrazija
- Il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ
- Front Line Defenders
- Human Rights House Foundation
- Human Rights Watch
- ILGA-Europe

- Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi
- Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem
- In-Network Ewropew tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Ippjanar tal-Familja (IPPF EN)
- L-Istitut Internazzjonali għall-Istampa
- Il-Kumitat Netherlandiż ta' Helsinki
- Open Society European Policy Institute
- Philanthropy Advocacy
- Protection International
- Reporters mingħajr fruntieri
- Transparency International UE